**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Numru: 94/2021 MLF**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 419/21 bil-procedura taht l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**vs**

**Angela Demanuele**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Angela Demanuele tal-15 ta' April 2021 li fih esponiet:

Illi hija, qed tirreferi ghall-pretenzjoni tas-socjeta interpellatorja fl-ismijiet hawn fuq premessi;

Illi bis-sahha tal-prezenti u ai termini ta' dak previst fl-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qeghda tikkontesta l-pretenzjoni tas-socjeta ARMS Limited u dana minhabba bosta ragunijiet fosthom is-segwenti:

1. L-azzjoni hija preskritta, b'terminu ta' hames snin kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana r-rikors;

2. Bla pregudizzju, il-kont numru 101000093077 ma jsejjahx lir-rikorrenti u l-konsum ma sarx minnha izda sar mill-persuna registrata li mhux l-eccipjenti kif ser jirrizulta;

3. Li kwantu ghall-kont l-iehor ta' Beverly Tavern, Triq il-Korp tal-Pjunieri San Pawl il-Bahar, l-ammont dovut huwa bla pregudizzju ammontanti ghal 1958.45 Euro kif indikat minn l-istess socjeta u kif ser jirrizulta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tappunta dana r-rikors ghas-smiegh wara d-debita notifika lis-socjeta ARMS Limited u dana ai termini tal-Artikolu 466(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Ltd tat-3 ta' Settembru 2021:

1. Illi, in linea preliminari, ir-rikors promotur sabiex jikkontesta l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, bir-riferenza 419/2021 (hawn annessa u mmarkata Dok NB1), sar **<u>biss</u>** fil-konfront tas-Socjeta Automated Revenue Management Services Limited izda mhux fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Ghalhekk, dawn tal-ahhar illum ghandhom titolu ezekuttiv favur taghhom.

2. Illi, in linea preliminari ukoll, l-azzjoni tar-rikorrenti hija fuori termini stante li r-rikorrenti ma ntavolatx dawn il-proceduri entro z-zmien ta' ghoxrin jum minn notifika kif preskritt lid-debitur skond l-Artikolu 466 tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jigi ppruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kredittrici tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' tmint'elef, sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€8,633.72) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku kera ta' meter u/jew kull hlas iehor, flimkien ma' imghax dovut skond il-ligi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra ufficjali bin-numru 419/2021, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti lis-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi, nonostante dak eccepit mir-rikorenti, fir-rigward tal-kont bin-numru 10100009377, jigi sottomess li r-rikorrenti kienet infurmat lis-socjeta intimata li kienet ser tassumi d-dejn kollu mill-4 ta' April 2011 'l quddiem, u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok NB2'

5. Illi, fir-rigward tal-kont bin-numru 1010000134298 jigi sottomess li r-rikorrenti hallset parti sostanzjali minn dan il-kont u ghalhekk il-bilanc dovut illum huwa inqas minn dak reklamat fl-ittra ufficjali, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza

6. Illi l-eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu mressqin mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt

7. Illi, ghalhekk l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali bin-numru 419/2021 huwa dovut mir-rikorrent.

Ghaldaqstant b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb bil-permess ta'din il-Qorti, is-socjeta intimata pro et noe talbet lil din l-istess Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrent bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali bin-numru 419/2021 pprezentata ai termini tal-Art 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrent.

3. Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

4. Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2021 gie verbalizzat hekk:

*"In vista tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata li r-rikors promotur gie pprezentat fuori termine, il-Qorti tqis li jkun opportune li tigi deciza l-ewwelnett din l-eccezzjoni li hi ta' natura strettament legali."*

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata u tar-rikorrenti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Din is-sentenza hija limitata ghat-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata li r-rikors promotur gie pprezentat fuori termine.

7. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm hija tat opportunita liz-zewg partijiet sabiex jipprezentaw noti ta' sottossjonijiet fuq din l-eccezzjoni, stranament in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tar-rikorrenti ma tindirizza bl-ebda mod din l-eccezzjoni, u minflok hija intitolata *"Nota ta' Sottomissjonijiet fuq Eccezzjoni preliminari ssollevata mill-intimata Angela Demanuele"*. Din in-nota tikkontjeni sottomissjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tas-sottomissjonijiet taghha fir-rikors promotur. Ghaldaqstant, in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ma tista' tkun l-ebda ghajnuna lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata.

8. Mill-atti jirrizulta li fil-25 ta' Frar 2021, is-socjeta intimata intavolat ittra ufficjali bin-numru 419/2021 kontra Angela Demanuele, ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili. F'din l-ittra, ir-rikorrenti intalbet thallas is-somma ta' €8,633.72, rapprezentanti konsum ta' ilma u dawl, kera ta' meters tal-ilma u tad-dawl, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi.

9. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti fit-3 ta' Marzu 2021.

10. Fil-15 ta' April 2021, ir-rikorrenti intavolat ir-rikors promotur odjern sabiex tattakka l-ittra ufficjali.

11. L-Artikolu 466(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi *inter alia* li persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' xi wahda mill-entitajiet elenkati f'dan is-subinciz jista' jaghmel dikjarazzjoni guramentata li fiha jiddikjara xi jkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu hu dovut. L-Artikolu 466(2) imbaghad jippreskrivi li din id-dikjarazzjoni *"ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba id-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

12. Ladarba r-rikorrenti giet notifikata bl-ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni annessa maghha fit-3 ta' Marzu 2021, it-terminu sabiex jigi pprezentat r-rikors sabiex jikkontesta t-talba pretiza fl-ittra ufficjali kien jiskadi fit-23 ta' Marzu 2021. Ir-rikors odjern gie pprezentat fil-15 ta' April 2021, u cioe wara li t-terminu ta' ghoxrin gurnata preskritt mil-ligi ghall-prezentata ta' dan ir-rikors kien skada. Ir-rikorrenti lanqas biss ittentat tati xi forma ta' spjegazzjoni ghalfejn ma intavolatx ir-rikors odjern fit-terminu prefiss mil-ligi.

13. Fis-sentenza **Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta** deciza fis-7 ta' Novembru 2008, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Issa m'ghandux ghalfejn jigi ripetut illi perijodu statutorju prefiss minn xi ligi ghall-proposizzjoni ta' appell hu wiehed fatali li kellu jigi dejjem osservat ad unguem. Din l-esigenza procedurali lanqas setghet tigi salvata jew sanata b'xi re-integranda ghax, kif jinsab ritenut, "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri". "***Giuseppe Caruana -vs- Charles sive Charlie Psaila***", Appell, 21 ta' Marzu, 1997;"*

14. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, u tal-fatti fuq esposti, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata hija gustifikata u se tigi milqugha.

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddecidi billi t-tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata u tiddikjara li l-proceduri odjerni intavolati mir-rikorrenti huma irriti u nulli, stante li r-rikors promotur ma giexipprezentat fit-terminu stabbilit mil-ligi.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**